MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 109/1999/1

**John u Doris konjugi Bianco.**

**vs.**

**Joseph Fenech Adami.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 18 ta' Jannar 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, l-attur kien involut f'incident awtomobilistiku fis-27 ta' Frar 1997 fil-5.00pm fi Triq l-Industrija, Kirkop meta huwa, waqt li kien qed jaqsam it-triq, safa' imtajjar minn certu Joseph Fenech Adami li kien qed isuq il-vettura tieghu tal-marka Skoda bin-numru ta' registrazzjoni J-6902;

Illi, tali ncident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba mperizja, negligenza w non-osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi, a kawza ta' tali ncident l-attur sofra danni konsiderevoli konsistenti f'disabilita' permanenti fuq persuntu;

Illi, l-istess atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Frar 1997 fil-5.00 p.m. fi Triq l-Industrija, Kirkop bejn il-kontendenti fejn safa imtajjar l-attur, sehh tort unikament il-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta' tali ncident;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda w il-lista tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Fenech Adami a fol. 13 tal-process fejn ecipixxa bir-rispett:-

1. Illi, l-incident awtomoblistiku li sehh fis-27 ta' Frar 1997 fil-limiti ta' Hal-Kirkop ma' garax tort tal-eccipjenti, izda gara tort ta' John Bianco li qasam it-triq bla kont u b'mod traskurat;

2. Illi, *stante* li dan l-incident ma' garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda amont ma' huwa dovut lill-atturi *in linea* ta' danni u ghalhekk it-talbiet taghhom ghandhom jigu respinti bl-spejjez;

3. Salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joseph Fenech Adami u l-lista tax-xhieda a fol. 13 u fol 14 tal-process.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Marzu 1999, fejn deher Dr. Louis Bianchi ghall-konvenut u ta ruhhu b’nofikat bl-appuntament. Inghata digriet tal-affidavit partijiet, b’terminu ta’ sittin gurnata kull wiehed.

Rat in-nota tal-atturi datata 23 ta’ Dicembru 1993, a fol 17, li permezz taghha prezentaw l-affidavit tal-konvenut John Bianco u dokumenti ohra.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Jannar 2000, fejn l-atturi taw ruhhom b’notifikati bl-avviz tas-smiegh tal-kawza. Gie nominat Charles Grixti bhala Perit Kirurgu biex jistabilixxi l-grad ta’ disabilita’ fil-persuna tal-attur. Il-Qorti tat il-fakolta’ lill-espert kirurgu li jideferixxi l-gurament lill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut datata 11 ta’ Jannar 2000, a fol. 34, li permezz taghha esebixxa kopja tar-rapport mediku rilaxxat mit-tabib Frederick Zammit Maempel.

Rat il-verbal datat 29 ta’ Marzu 2000, fejn Dr. David Camilleri nforma lill-Qorti illi l-Perit Kirurgu ezamina lill-attur izda ghadu ma rceva l-ebda kont ghall-hlas tal-ispejjez u rapport tal-istess Perit.

Rat il-verbal datat 15 ta’ Mejju 2000, fejn il-kawza baqat differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal datat 3 ta’ Ottubru 2000, fejn Dr. Louis Bianchi ghall-konvenut informa lil Qorti li r-rapport tal-perit kirurgu kien ghadu ma giex redat.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Novembru 2000, fejn Mr Charles Grixti bhala Perit Kirurgu halef ir-rapport.

Rat ir-rapport tal-Perit Kirurgu Mr Charles Grixti minn fol 46 sa fol 51 tal-process.

Rat in-nota tal-attur datata 1 ta' Dicembru 2001, a fol 52, li permezz taghha talab in-nomina ta' Perit addizzjonali.

Rat il-verbal datat 21 ta' Frar 2001, fejn xhed Michael Borg u nghata digriet tal-affidavit tal-atturi b'terminu ta' erbghin jum.

Rat ix-xhieda ta' Michael Borg minn fol 60 sa fol 62 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut, datata 22 ta' Frar 2001, a fol 63, li permezz taghha esibixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal datat 2 ta' Mejju 2001, fejn Dr. David Camilleri ghall-atturi nsista fuq il-Perit Medicu u Periti Perizjuri. Il-Qorti nominat bhala Perit Perizjuri lil Mr Carmel Sciberras, Mr Fredick Zammit Maempel u Mr Anthony Bernard biex jezaminaw lill-attur.

Rat in-nomina ta' Mr Carmel J. Scibberras, datata 4 ta' Mejju 2001, a fol 67.

Rat in-nomina ta' Dr. Frederick Zammit Maempel, datata 4 ta' Mejju 2001, a fol 68.

Rat in-nomina ta' Mr Anthony Bernard, datata 4 ta' Mejju 2001, a fol 69.

Rat il-verbal datat 30 ta' Mejju 2001, fejn il-kawza giet differita ghall-provi kollha li fadal.

Rat il-verbal datat 3 ta' Lulju 2001.

Rat in-nota ta' Dr. Frederick Zammit Maempel, datata l-1 ta' Ottubru 2001, a fol 74.

Rat il-verbal datat 21 ta' Novembru 2001, fejn Dr. David Camilleri ghall-atturi rtira t-talba tieghu ghan-nomina ta' Periti Perizjuri, u ghalhekk il-Qorti rirevokat id-digriet taghha tat-2 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal datat tal-21 ta' Frar 2002.

Rat l-access mizmum fil-21 ta’ Frar 2002, minn fol 80 sa fol 81.

Rat il-verbal datat 11 ta’ April 2002, fejn id-difensuri talbu differiment ghall-probabbli transazzjoni.

Rat il-verbal datat 25 ta’ April 2002, fejn xehed John Bianco.

Rat ix-xhieda ta’ John Bianco minn fol 91 sa fol 98.

Rat il-verbal datat 9 ta’ Ottubru 2002, fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat il-verbal datat 30 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota tal-attur datata 30 ta’ Jannar 2003.

Rat il-verbal datat 26 ta’ Marzu 2003, fejn xehdu Mr Carmel Apap Bologna, Annabel Ellul u John Bianco. Id-difensuri ddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar.

Rat ix-xhieda ta’ Mr Carmel Apap Bologna minn fol 150 sa fol 163.

Rat ix-xhieda ta’ Annabelle Ellul minn fol 164 sa fol 179.

Rat ix-xhieda ta’ John Bianco minn fol 180 sa fol 193.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Gunju 2003, fejn Dr. David Camilleri ghall-atturi pprezenta nota t’osservazzjonijiet w il-Qorti prefiggit terminu ta’ 50 jum lill-konvenut biex jipprezenta nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 5 ta’ Gunju a fol 195.

Rat ir-risposta tal-konvenut ghan-Nota ta’ Sottomissjonjiet tal-attur, datata 17 ta’ Gunju 2003, a fol 203.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (I) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi din hija kawza dwar incident awtomobilistiku li gara fis-27 ta’ Frar 1997 fil-5.00.p.m. fit-Triq Industrijali Kirkop, fejn il-konvenut li kien qed isuq il-vetttura Skoda Reg. No. J – 6902 laqat lill-attur.

Illi jirrizulta li ma hemm l-ebda skizz tal-incident *stante* li r-rapport sar l-ghada, u dwaru l-istess attur fix-xhieda tieghu moghtija fit-23 ta’ Settembru 1999 bl-affidavit jghid li huwa beda jaqsam it-triq wara li hares lejn iz-zewg nahat u kif kien qasam tlett kwarti tat-triq gie milqut mill-konvenut; kellu jittiehed l-isptar u tilef Lm2,725.88 f’paga u ghamel ukoll operazzjoni u kien qed isofri minn disabilita’ permanenti f’siequ l-leminija. Huwa esebixxa dikjarazzjoni tal-konvenut bhala Dok. “JB5” fejn l-istess konvenut sostna li-

*“I was inside car – Skoda – J6902. John was also crossing the said road”*

- *omissis-*

*“This happened as soon as I was going out of Elbros premises looking at the mirror that shows that the road (Triq l-Industrija) to check if no other vehicles are coming in”.*

*“I did not see anything to enter premises so I continued moving. I did not see at all John crossing the road”.*

*“He also told me that he did not see me coming out of the premises and that as he was to cross the said road he was looking for the van keys inside his working bag”.*

Illi in kontro-ezami fil-25 ta’ April 2002 sostna li l-incident gara hekk kif nizel l-istess central strip u kien mexa xi hames jew sitt piedi; qal li l-karozza laqtitu bil-bonnet u ra

l-karozza mad-daqqa. Thallas tas-sick leave u dam barra mix-xoghol xi sena ghaliex ma kienx jiflah. Ix-xhud sostna li kien ghadu migugh.

Illi in kontro-ezami fis-26 ta’ Marzu 2003 sostna li c-certifikati tat-tobba sabiex ma jmurx ghax-xoghol kien isiru mit-tobba ta’ l-Elbros li kien hemm erbgha. Wara li ra’ lill Mr. Apap Bologna u hareg ic-certifikat ma marx ghandu izjed, hadu hsiebu hutu u kien imur l-isptar ghall-visti ghal xi sena. Ma kienx jircievi pagamenti mis-servizzi socjali. Thallas nofs il-paga kemm dam ma marx ghax-xoghol. Nofs l-iehor minghad il-Gvern. Meta rega’ gie mistoqsi sostna li kellu Lm70 fil-gimgha mal-kompanija, kien jircievi Lm20 jew Lm25 minghand il-kumpnaija fil-gimgha u wkoll bhala beneficcji, u d-differenza soffriha huwa. B’hekk tilef xi Lm20 jew Lm25 fil-gimgha. (Bejn Lm1,040 sa Lm1,300).

Illi gie esebit certifikat datat l-1 ta’ Awissu 2002 (fol. 104) fejn **Mr Carmel Apap Bologna** sostna li sat-2 ta’ Marzu 1998 l-istess attur kien ghadu qed ihossu mhux komdu u kien qed jattendi fizjoterapija ghall-mobizazzjoni tal-irkoppa l-leminija. Dan gie ikkonfermat mill-istess xhud fis-26 ta’ Marzu 2003 u qal li kien ghamel kalkolu mir-*records* tal-isptar meta setgha kien tajjeb ghax-xoghol. Ikkonferma li kien hareg certifikat qabel datat 13 ta’ Awissu 1997. Wara dan ic-certifikat ma regghax rah lill-attur. Huwa ibbaza ruhhu fuq kalkolu mir-*records* tal-isptar.

Ill **Annabelle Ellul** impjegata tal-kumpanija Elbros Construction Limited xehdet fis-26 ta’ Marzu 2003 li l-attur kien impjegat maghhom fis-16 ta’ Settembru 1991 u spicca jahdem maghhom fit-28 ta’ Marzu 2002 bhala *skilled labour* f’kostruzzjoni fil-gebel. Wara l-incident dahal ghax-xoghol fid-9 ta’ Frar 1998. Kellu certifikati medici regolari. Kellu paga ta’ Lm14.73 kull gurnata gross ghal hames t’ijiem. Paga jiehu paga fl-ammont ta’ Lm1,987.49, u minhabba t-telf ta’ xoghol kellu nieqes Lm3,367.10; b’hekk jigi li tilef paga fl-ammont ta’ Lm1,379.61.

Illi fl-okkorenza ta’ P.S. 739 Michael Borg a fol. 57 jinghad li *“Joe Fenech Adami qal li kien suq il-karozza tieghu minn gol-plant tal-Elbros u kif hareg minn gol-gate sab lil Bianco f’nofs it-triq diehel gewwa ghax-xoghol. John Bianco qal lill pulizija li kien diehel gol-plant u kif kien qieghed jaqsam it-triq u johrog ic-cwievet minn gol-basket, karozza J – 6902 dahlet f’daqqa minn gol gate u laqtu”.*

Il-konvenut min-naha tieghu b’affidavit datat 22 ta’ Frar 2001 (fol. 64) sostna li meta hareg minn gol-fabbrika huwa hares fil-mera tal-faccata tal-*gate* tal-istess fabbrika u billi ma ra l-ebda traffiku gej dar fuq il-lemin u kif iddrata il-karozza ra’ lill-attur nizel minn fuq it-traffic island li hemm faccata tal-*gate* u dan laqat il-karozza tieghu fuq in-naha tax-xellug. *“L-incident gara proprju hekk kif Bianco nizel minn fuq it-Traffic Island u pogga siequ fit-triq”.* Sostna li wara l-incident l-attur qal li ma kienx qed ihares ghaliex kif nizzel saqajh fit-triq kien qed ifittex ic-cwievet tieghu fil-barzakka.

**<u>(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI DWAR RESPONSABILITA’.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-data, lok  u hin indikat fic-citazzjoni attrici sar incident tat-traffiku meta l-attur waqt li kien qed jaqsam it-triq indikata gie investit mill-konvenut; jirrizulta li l-konvenut kien ghadu kemm hareg mill-*gate* li hemm fil-fabbrika ta’ l-Elbros, u minkejja l-allegazzjoni tal-konvenut fl-affidavit tieghu li l-incident gara hekk kif l-istess attur nizzel saqajh minn fuq c-*central strip* li hemm faccata tal-fakkrika ghall-istess triq, jirrizulta li l-istess konvenut kien kien ghal kollox inkonsistenti fix-xhieda tieghu, tant li diversi dikjarazzjonijiet tieghu jikkontrastaw ma’ dak minn allegat fl-affidavit tieghu.

Illi per ezempju jirrizulta li f’dikjarazzjoni li ghamel wara l-incident minnu miktuba u iffirmata minnu sostna li:-

*“I was inside car – Skoda – J6902. John was also crossing the said road”*

- *omissis-*

*"This happened as soon as I was going out of Elbros premises looking at the mirror that shows that the road (Triq l-Industrija) to check if no other vehicles are coming in".*

*"I did not see anything to enter premises so I continued moving. I did not see at all John crossing the road".*

Illi minbarra dan fl-istess okkorenza huwa stess qal lill-ufficjal tal-pulizija li *"kien suq il-karozza tieghu minn gol-plant tal-Elbros u kif hareg minn gol-gate sab lil Bianco f'nofs it-triq diehel gewwa ghax-xoghol".*

Illi mela allura jirrizulta li x-xhieda tal-istess konvenut fl-affidavit tieghu ma hijiex kredibbli u s-sinistru definitavamernt sar meta l-istess attur kien qed jaqsam l-istess triq li taghti biss ghall-imsemmija fabbrika, u dan huwa wkoll ikkonfermat mill-fatt li fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu huwa stess jghid li attur kien qed jaqsam it-triq, anzi jghid li l-attur qasam it-triq (fol.13). It-tezi tal-konvenut li l-incident sar hekk kif l-attur nizzel saqajh fit-triq ma tirrizultax, anzi jirrizulta l-kuntrarju, li l-attur kien qed jaqsam l-istess triq, li kif il-Qorti rat waqt l-access hija wiesgha sew, u meta l-istess attur kien almenu f'nofs it-triq huwa gie investit mill-konvenut, li kien ghadu kemm hareg mil-fabbrika imsemmija u kiser fuq il-lemin tieghu, bla ma ha l-prewkazzjonijiet necessarji, nkluz li jieqaf u jesplora t-triq sew, tant li huwa stess ammetta fid-dikjarazzjonijiet tieghu li lill-istess konvenut huwa ma rahx qabel il-habta u din hija awtoinkolpazzjoni ghaliex hija xejn inqas minn ammisjoni li l-istess konvenut ma zammx *proper look out* u ma rax dak li kien *"in plain view".*

Illi *'noltre* saret allegazzjoni li l-konvenut ma kienx attent meta kien qed jaqsam it-triq ghaliex kien qed ifittex ic-cwievet; dan ovvjament ma setghax jinghad mill-konvenut ghaliex huwa proprju ra' lill-attur biss mad-daqqa, pero' huwa semma' li dan l-attur qallu huwa nnifsu quddiem diversi persuni. Apparti l-fatt li l-attur jikkontesta dan b'mod kategoriku, l-ebda xhieda ma ingabhet minn dawk imsemmija milll-konvenut sabiex jissostanzja dan, u

ghalhekk din il-Qorti thoss li anke’ din l-allegazzjoni tal-konvenut ma gietx ippruvata.

Illi min-naha l-ohra jirrizulta li qabel ma qasam it-triq l-istess attur esplora sewwa t-triq, u kif kien qed jaqsam l-istess triq huwa gie investit mill-konvenut, li jidher car li ma hax il-prewkawzzjonijiet kollha qabel ma’ hareg mill-fabbrika sabiex jassigura ruhhu li dan setgha jaghmlu bla perikolu ghal min kien qed juza l-istess triq. Il-fatt li kien wiehed johrog mill-*gate* irid jikser ghall-lemin tant li hemm mera quddiem l-stess fabbrika jfisser li l-konvenut kellu joqghod iktar attent sabiex jassigura ruhhu li huwa jkun jista’ johrog bla ma jikkawza perikolu lill-haddiehor, li forsi lanqas biss setgha jara, b’hekk li l-konvenut kellu juza prudenza massima, haga li ovvjament jirrizulta li ma ghamilx.

Illi huwa veru li mhux biss s-sewwieq tal-vettura izda wkoll l-utenti l-ohra tat-triq ghandhom obbligi fl-investiment taghhom tat-toroq u dan jirrizulta minn diversi sentenzi inkluzi dawk citati mill-konvenut fl-ismjiet **“Mary Bonello vs Slyvia Fsadni”** (.A.C. 11 ta’ Marzu 1998); **“Sciberras vs Sciberras”** (P.A. 8 ta’ Gunju 1982), **“Anthony Callus vs George Grixti”** (P.A. (JSP) 4 ta’ Gunju 2002); u wkoll **“Joseph Micallef et vs Joseph Sammut”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Gunju 2001); **“Carmel Schembri vs Dorianne Zerafa”** (P.A. (RCP) 12 ta’ Lulju 2001); **“Reginald Marmara’ vs Anthony Chetcuti”** (P.A. (RCP) 11 ta’ Lulju 2001) izda f’dan il-kaz ma jidhirx u lanqas jirrizulta li l-attur naqas mid-doveri tieghu kemm qabel u kif ukoll waqt li kien qed jaqsam it-triq, u fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, anke’ wara li hija semghet lill-partijiet thoss li l-unika konkluzzjoni li tista’ tasal ghaliha hija dik li l-incident in kwistjoni gara minhabba nuqqas *da parte* tal-konvenut u huwa ghandu jinzamm unikament responsabbbli tal-istess u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

**(III) LIKWIDAZZJONI TA’ DANNI.**

Illi skond ir-rapport tal-kirurgu nnominat minn din il-Qorti jirrizulta li minhabba l-istess incident l-attur soffra debilita’ permanenti ta’ tlieta fil-mija (3%) peress li huwa soffra

hsara fil-ligamenti ta’ rkoptu l-leminija; il-ligamenti kollatterli tan-naha ta’ gewwa tal-irkoppa l-leminija gie mwahhal b’vit b’intervent kirurgiku. L-irkoppa irkuprat l-istabilita’ taghha’ *“Jibqa’ l-fatt illi f’dan it-tip ta’ hsara il-pazjent jista’ jibqa’ jsofri minn ugiegh fl-irkoppa specjalment jekk jistrappazza. Dan jista’ jaffettwa it-tip ta’ xoghol li jaghmel Boanco u minhabba dan nistma d-disabilita’ permanenti ta’ Bianco ta’ 3% (tlieta fil-mija)”.*

Illi ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex taddotta dan il-persentagg ta’ disabilita’, minkejja s-sottommissjonijiet tal-attur li pprezenta anke’ rapport *ex parte,* iktar u iktar meta l-istess attur irrinunzja ghan-nomina ta’ periti perizjuri. Allura l-istess Qorti ser tadotta l-istess percentagg hekk indikat mill-espert mediku.

Illi jirrizulta li minkejja dak sottomess mill-partijiet fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghhom li qabel l-istess incident l-attur kellu dhul gross ta’ Lm5,389.66 u Lm5,573.82 fis-snin 1995 u 1996 (a fol. 20 u 21 tal-process) u ghalhekk din il-Qorti ser timxi fuq introjtu ta’ Lm5,800 bhala *average* u dan anke’ ghar-ragunijet segwenti.

Illi wkoll jirrizulta li l-konvenut kellu 40 sena meta sar l-incident u tenut kont tal-**artikolu 1045 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** li jipprovdi li:-

*“Persuna responsabbli ghandha twiegeb (*inter alia) *ghat-telf ta’ qligh li tbati ’l quddiem minhabba inkapacita’ ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta’ jgib”.*

Illi f**l-artikolu 1045 (2)** tali “*somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita’ tigi stabilita’ mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b’mod partikolari, x-xorta u il-grad ta’ inkapacita’ ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara”.*

Illi tali regoli gew supplimentati bil-principji stabiliti fil-kawza **“Michael Butler vs Peter Christopher Heard”** (A.C 22 ta’ Dicembru 1967) li pero’ giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li kif intqal fil-kawza

**"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** (A.C. 16 ta' Novembru 1983) fejn intqal li:-

*"ic-cirkostanzi tal-hajja anke' fil-Gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu".*

Hekk per ezempju ghar-rigward tal-*multiplier* applikat ghall-kuncett tal-*working life expectancy of the victim* fejn qabel ic-*ceiling* qatt ma eccedda l-20 sena, pero' llum bis-sentenza **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine"** (A.C. 26 ta' Lulju 1991) is-sitwazzjoni tbiddlet sostanzjalment ghaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi ghalkemm is-sistema stabilita f'**Butler vs Heard** hija dik l-iktar addatta, sakemm tinstab sistema ohra ta' komputazzjoni ohra aktar gusta, pero' dan ma jfissirx illi "*Il-Qorti ghandha jew tista' tikkonsidra ruhha marbuta rigorozament ma' applikazzjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha idejha li dejjem u f'kull kaz ghandha tapplika multiplier li f'certi cirkostanzi evidentement ikun iwassal ghall-likwidazzjoni rreali jekk mhux addirittura ngusti. Fil-fehma konsiderata taghha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' thalli f'idejn il-gudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jhoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull kaz hu necessarju sabiex issir gustizzja".*

Illi dan gie segwit bis-sentenza **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991) fejn il-Qorti sostniet illi *" din il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandiex tkun marbuta ma' decizzjonijiet li jillimitaw l-life expectancy sa massimu ta' ghoxrin sena", u* tali principju gie konsistentement segwiet u zviluppat mill-gurisprudenza nostrali *tenut* kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari, u inkluz *'changes and chances'* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma ghandha tkun qatt marbuta ma "*xi massimu gia stabilit sallum li, fl-ahhar mill-ahhar, huwa dejjem arbitarju w opinistiku".* **("Karen Zimelli vs Michael Sammut" - P.A.)**

Illi din it-tendenza giet segwita f'diversi sentenzi fosthom **"Jacqueline Cassar vs Joseph Buhagiar et" (P.A.**

**1.3.1992); "Duncan Vassallo vs Khalid Schwej" (P.A. 8 ta' Marzu 1996); "Robert Barbara vs Saviour Galea" (P.A.11 ta' Ottubru 1996) "Susan Davies vs Anthony Galea (P.A. 10 ta' Ottubru 1997); "Joseph Attard vs Carmelo D'Amato (P.A. N.A. 5 ta' Ottubru 1999) "George Gatt vs Francis E. Carbone" (App. 7 ta' Lulju 1998); "Anthony Turner et vs Francis Agius et" (G.C.D. 17 ta' Frar 1998) "Arthur Bonello nomine vs James Camilleri et" (J.S.P. 13 ta' Jannar 1998"),** fejn ghalhekk il-*multiplier* gie aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettattiva iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva.

Illi fil-fatt din it-tendenza, alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta *"pain and suffering",* giet mehuda ukoll *oltre* f'certi pronunzjamenti mill-Qrati taghna, fosthom **"Mary Bugeja vs George Agius" (P.A. J.H. 12 ta' Jannar 1987)** li sostniet illi:-

*"l-Qrati fil-pronincjamenti taghhom dwar il-kriterji li ghandhom jintuzaw biex jippruvaw jaghmlu tajjeb ghall-incertezzi li l-likwidazzjoni ta' danni f'kazijiet simili, dejjem jaghtu lok ghalihom li qatt ma jirrunzjaw ghall-fakolta' diskrezzjonali taghhom………. Dik l-Onorabbli Qorti ppronunzjat ruhha li taqbel li ghandu jkun hemm certa elasticita' ta' kriterju ghaliex il-pronunzjament huwa wiehed ta' probabilita'. Id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss li meta tinghata b'sentenza mhiex aktar soggetta ghall-ebda revizzjoni. Ghalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorispondi kemm jista jkun mar-realta'".*

Illi fil-fatt din ghandha tkun il-mira ta' kull evalwazzjoni u kalkolazzjoni ta' danni. Din l-istess vina giet segwita fil-kawzi **"Emanuel Agius vs Joseph Galea et nomine" (K.G.M.B. 11 ta' Lulju 1989) u "Mario Camilleri vs Mario Borg et nomine" (G.M.B.)** fejn inghad illi *"L-Gustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti tar-realta' u kemm huwa possibbli, terga tpoggi l-vittma, ta' kwalsiasi att ingust, fl-istat li kienet qabel……Huwa ngust li f'dawn il-kazijiet, u fejn ir-restituzzjoni fizika tal-gisem u s-sahha tal-*

*vittma ta’ l-att illegali u ingust ta’ haddiehor m’huwix possibbli, ma tassikurax kemm tista’ jkun kompensazzjoni adegwata. Altru milli imprevist. L-ezercizzju huwa fuq ir-realta’ sakemm hija prevedibbli a bazi ta’ statistika u induzzjoni”.*

Illi aktar jidher car li abbazi tal-ligi taghna, il-kwantifikazzjoni tad-danni hija fl-attitudini wiesgha imhollija fid-diskrizzjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u ghalkemm certi principji ghandhom jezistu, u fil-fatt jezistu ghas-soluzzjoni tal-istess, dawn certament ma humiex assoluti, u l-Qorti zgur li ma hijiex obbligata li tapplika l-istess, specjalment meta r-rizultat tal-applikazzjoni taghhom ma jwassalx ghall-kumpens reali u adegwat.

Illi meta wiehed jikkonsidra l-logorju kontinwu tal-flus fuq il-pagament annwali liema ammont se jibqa’ kif stabbilit fid-data ta’ din is-sentenza, u wkoll l-istaticita’, fl-ammont minghajr ebda assunzjoni ulterjuri ta’ zidiet possibbli, apparti iz-zidiet tal-gholi tal-hajja **“Elvira Abela vs Onor. Prim Ministru et”** (A.C. 30 ta’ Dicembru 1994) u meta wiehed jikkonsidra *increments* ohra li l-istess attur ser igawdi minnhom, din il-Qorti sejra tahdem fuq il-paga annwali ta’ Lm5,800 fis-sena tenut kont tal-eta’ tal-attur u l-effett li dan l-incident jista’ jkollu fuq in-natura ta’ xoghol tieghu fil-gebel u dan anke’ fuq il-principju affermat fis-sentenza **“Joseph Attard vs Carmelo D’Amato”** (P.A. (NA) 5 ta’ Ottubru 1999 fejn segwiet dak li intqal fis-sentenzi tal-istess Onorabbli Qorti fl-ismijiet **“Salamo et vs Attard”** (P.A. (NA) 23 ta’ Jannar 1996) u **“Davies et vs Galea”** (P.A. (NA) 10 ta’ Ottubru 1997) u cjoe’ li:-

*“Il-maggior parti tas-sentenzi taghna invece jistriehu biss fuq il-fatt ta’ dizabbilita’ minghajr ma jsir ezami profond jekk dik id-dizabilita’ hijiex verament sejra tikkaguna telf future;*

*Din is-sistema ma hijiiex l-ahjar wahda per’ hija l-unika wahda acettabbli sakemm ma jinholoqx makkinarju fejn dawn il-materji ma jinghalqu qatt u allura, bhal fil-kaz ta’*

*alimenti, dritt stabilit ikun jista' jigi varjat minn zmien ghal zmien skond ic-cirkostanzi;*

*Illi ma hemmx dubju li mill-lat ta' ekwita' pura din is-sistema hija preferibbli. Jekk rizultat dirett ta' incident id-danni rizultanti minkejja li jikkawzaw biss dizabbilita' marginali f'individwu, b'konsegwenza taghhom jisfa bla xoghol, allura l-kumpens tieghu ghandu jkun ferm akbar minn dak b'dizabilita' akbar jipprogedixxi b'certu mod fil-hajja".*

Illi bbazat fuq l-eta' ta' 40 sena, l-attur ghandu hajja lavorativa ta' 21 sena u ghalhekk mahduma din fuq introjtu ta' Lm5,800 u b'dizabilita' permanenti ta' 3% jirrizulta din is-somma:-

Lm5,800 x 21 x 3% = Lm3,654.

Illi fuq l-iskorta tas-sentenzi **"Angelo Galea vs Joseph D'Agistino et"** (P.A. (JSP) 16 ta' Dicembru 1996) u **"Olga Busuttil et vs Raymond Muscat"** (P.A. (GCD) 6 ta' Gunju 1997) u **"Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et"** (P.A. (JSP) 13 ta' Jannar 1998) u **"Darren Sammut vs Eric Zammit"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) la darba ghaddew iktar minn sitt (6) snin mid-data tal-incident it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandhux ikun ta' iktar min 6% b'dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b'Lm219.24 ghall-Lm3,434.76.

Illi minbarra dan ghandha tinghata wkoll lill-konvenut is-somma ta' Lm1,379.61 rappresentanti telf ta' introjtu li l-istess attur soffra mill-impjieg tieghu peress li ma setghax jattendi ghax-xoghol minhabba l-ugieh li kellu f'saqajh, u tali ammont jirrizulta mix-xhieda ta' Annbelle Ellul rappresentanti tas-socjeta' Elbros,u dan l-ammont jidher li gie accettat mill-attur, liema ammont huwa konservattiv ukoll peress li ma hax in konsiderazzjoni l-*overtime* li l-attur ghamel fiz-zmien ta' qabel l-incident. Ghalhekk maghdud dan l-ammont mas-somma ta' Lm Lm3,434.76 iwassal ghas-somma ta' Lm4,814.37 bhala danni likwidati li soffra l-istess attur kawza tal-incident *de quo.*

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Frar 1997 fil-5.00 p.m. fi Triq l-Industrija, Kirkop bejn il-kontendenti fejn safa imtajjar l-attur, sehh tort unikament il-konvenut;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur a kawza ta' tali ncident fl-ammont ta' erba' t'elef, tmien mija u erbatax il-lira Maltija u sebgha u tlettin centezmu (Lm4,814.37).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' erba' t'elef, tmien mija u erbatax il-lira Maltija u sebgha u tlettin centezmu (Lm4,814.37).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------